31997D0796

L 323/38 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 26.11.1997

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tas-17 ta' Novembru 1997
## li tikkonċerna l-konklużjoni għan-nom tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità għall-Enerġija Atomika tal-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità għall-Energija Atomika, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika Kyrgyz, minn naħa l-oħra, fuq il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(97/796/KEFA, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Kumpanija Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u partikolarment l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Filwaqt li, sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tas-Sħubija u l-Koperazzjoni iffirmat fi Brussel fid- 9 ta' Frar 1995, huwa neċessarju li jiġi approvat il-Ftehim Temporanju iffirmat fi Brussel fit-28 ta' Novembru 1996 bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kirgistan, minn naħa l-oħra, dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ;

Filwaqt li l-konklużjoni tal-Ftehim *Interim* huwa neċessarju biex jilħaq l-għanijiet tal-Komunità kif inhuma stabbiliti fl-Artikolu 2 u 3 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u billi t-Trattat ma pprovdiex dispożizzjonijiet għall-każijiet kollha koperti minn din id-Deċiżjoni,

Wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv u bl-approvazzjoni tal-Kunsill, mgħotija fit-22 ta' Lulju 1997,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim *Interim* bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, minn naħa l-wahda, u r-Repubblika Kyrgys, minn naħa l-oħra, dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ, flimkien mal-Protokoll u d-dikjarazzjonijiet, huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

Dawn it-testi huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni ([1]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kummissjoni għandu jagħti n-notifikazzjoni prevista mill-Artikolu 33 tal-Ftehim Interim għan-nom tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussel, 17 Novembru 1997.

*Għall-Kummissjoni*

Jacques SANTER

*Il-President*

([1]) ĠU L 235, tas-26.8.1997, p. 3.